KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 – IT-TNEJN, 25 TA' MEJJU 2020**

Minħabba l-kriżi COVID-19, il-Kunsill ma ltaqax fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u saret b'mod remot (online meeting). Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**19.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

19.1.1 Ma kienx hemm.

**19.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

19.2.2 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (18) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

19.2.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 19.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

19.3.1 Ma kienx hemm.

## 19.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

19.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata li l-Public Contracts Review Board (PCRB) wasal għad-deċiżjoni dwar Tender ILC/T/2/2019 fejn il-Bord ikkonferma li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ippresedut mic-chairman Dott. Dorian Sciberras mexxa l-proċess tal-aġġudikazzjoni bl-aktar mod ġust u trasparenti. Id-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2020 tal-Bord tikkonferma d-deċiżjoni li ħa l-Kumitat tal-Evalwazzjoni a favur l-orħos offerent u cioè għall-prezz ta' Eur3,750.00 fis-sena għall-perjodu ta' (4) erba snin bl-ammont globali ta' Eur15,000. Ikkonkluda billi rringrazzja lill-membri tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għal mod kif tmexxa l-proċess u u lill-Avukat tal-Kunsill għall-għajnuna legali b'mod professjonali.

19.4.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-proġett ta' Triq il-Wied baqa' jiġi segwit u l-unika diffikultà tibqa l-immaniġġjar tat-traffiku fejn il-kuntrattur appuntat minn Infrastructure Malta mhux qed jipprovdi uffiċċjali biex jikkontrollaw it-traffiku. Verament li hemm is-sinjali tat-traffiku *in place* però dawn is-sinjali mhux qed ikunu rrispettati. Is-Sindku kkonkluda li l-Kunsill reġa nforma formalment kemm lill-Perit ta' Infrastruture Malta u wkoll lill-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar bil-periklu li hemm fl-imsemmija triq.

19.4.3 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar il-ħruġ tal-Avviz Legali l-ġdid dwar l-immaniġġjar tal-iskart fejn b'dan l-Avviż, il-Kunsill Lokali L-Iklin se jkun qed iżid it-tieni ġabra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar. Irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv li baqa' jaħdem u jsegwi din il-materja anke mal-iskema awtorizzata GreenMT u l-Ministeru kkonċernat biex ikun assigurat l-inklużjoni tat-tieni ġabra tal-ħġieġ fl-iskeda l-ġdida.

19.4.4 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa dwar numru ta' ilmenti li rċieva l-Kunsill dwar infestazzjoni ta' ġrieden fid-diversi toroq madwar l-Iklin. Is-Sindku qal li l-Kunsill ikun pront jgħaddi r-rapporti lid-Dipartiment konċernat biex jintervjeni però huwa tal-fehma li għandu jsir studju anke bl-għajnuna tal-esperti mill-Università ta' Malta biex tiġi ndirizzata b'mod favur l-ambjent (eco-friendly) bil-ħsieb li anke jkun jista jsir proġett pilota fil-lokal biex nindirizzaw din il-materja.

## 19.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

19.5.1 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa meta ser tibda t-tieni ġabra tal-ħġieġ fil-lokalità.

Is-Sindku wieġeb li f'komunikazzjoni li rċieva s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tat-13 ta' Mejju 2020, jidher li l-leġiżlazzjoni sussidjarja biex isiru l-ammendi fir-regolamentazzjoni tal-iskart qed tiġi finalizzata biex tiġi ppubblikata.

## 19.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

19.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-1 u t-22 ta' Mejju 2020 kif jidher fid-dokumenti A u B.

19.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras irrelata dwar korrispondenza nru. 1007/20. Depożitu ta' *trailer* mingħajr targa fi Triq in-Namur. Informa li kien tkellem mall-Pulizija tad-Distrett biex jitneħħa dan il-makkinarju goff mit-triq minħabba l-illegalità u peres li kien ukoll ta' periklu għas-sewwieqa.

**COMPLAINTS SHEET (1 - 22 May 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 96 | 02/05/2020 | Bozza maqtugħa mal-ħajt fi Triq Anton Buttigieg. Din qegħda 'l ġewwa mit-triq prinċipali tagħti għal ġo ġnien privat. | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 97 | 02/05/2020 | Rapport li meta jinxtegħel id-dawl ta' barra qed tinqatalha s-salva vita fi Triq Stefano Erardi. | settled | Triq Stefano Erardi | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 98 | 04/05/2020 | Hemm bozza 'central hanging' maqtugħa fi Triq ES Inglott. | settled | Triq ES Inglott | **CONTRACTOR** |
| 99 | 05/05/2020 | Hemm pjanta tiela mil-madum tal-bankina fi Triq A M Galea, talba biex titneħħa. | settled | 16, Triq A M Galea | **COUNCIL** |
| 100 | 05/05/2020 | Rapport li l-RCV qed iħallat il-boroż is-suwed ma' tal-organic | settled (replied) | Triq PM Vallea | **CONTRACTOR** |
| 101 | 07/05/2020 | Talba għal bozza ġdida fi Triq ir-Razzett l-Aħmar lejn l-arblu tan-Net | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 102 | 07/05/2020 | Din ir-residenta qed titlob biex tiżdied ġurnata oħra fejn tinġabar il-borża l-griza għaliex darba fil-ġimgħa hija ftit. | pending | Triq il-Prinjol | **COUNCIL** |
| 103 | 11/05/2020 | Dan ir-resident irid li tigi nstallata 'road hump' fi Triq Ċensu Bugeja għaliex qed jgħaddu bi speed qawwi. | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 104 | 13/05/2020 | Ilment dwar il-Bring in sites ta' Triq in-Naxxar, talba biex jitnehhew minhabba l-mizbla li qed ikun hemm madwarhom. | pending | Triq Naxxar | **COUNCIL** |
| 105 | 15/05/2020 | Talba biex jitneħħew il-Bring-in-sites ta' Triq in-Naxxar. Qed ikun hemm miżbla madwarhom ta' kuljum. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 106 | 15/05/2020 | Hemm siġra ħierġa minn propjeta' privata li ma' jirrisiedi fiha ħadd u qed tagħlaq il-bankina fi Triq Dun Karm. In-nies qed ikollhom jinżlu fil-by pass. | pending | Triq Dun Karm | **CONTRACTOR** |
| 107 | 18/05/2020 | Ilment dwar 2 vetturi ipparkjati bla liċenzja u bla number targa fi Triq Stefano Erardi k/m Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Stefano Erardi | **POLICE LAW & ORDER** |
| 108 | 21/05/2020 | Ilment dwar il-parapett ta' negozju fi Triq il-Mużika li qed iħallih mimli skart minn filgħaxija | pending | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |

## 19.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

19.7.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras għamel riferenza għall-pagament nru. 28 u 29. Informa li dawk l-ammonti kienu relatati mall-proġett ta' Triq il-Ħwawar taħt il-Miżura 4.3 European Agricultural Rural Development Fund fejn skont l-Awtorità ta' Ġestjoni, l-ammont ta' Eur14,151.90c u Eur417.48c ġew ikkunsidrati bħala ammonti ineliġibbli u għaldaqstant dawn l-ammonti ried jagħmel tajjeb l-Kunsill mill-fondi tiegħu. Is-Sindku informa li kien sar kull sforz mill-Kunsill biex jiġġustifika x-xogħlijiet anċillari li kienu parti integrali mill-proġett però l-appelli tal-Kunsill ma ġewx ikkunsidrati mill-Awtorità ta' Ġestjoni. *Nem con*.

19.7.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Bernice Farrugia.

19.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

19.7.4 Imbagħad il-Kunsill ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni ta' xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

a) Kwotazzjoni għal xiri ta' *air condition* għall-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv skont l-*ispecs* mingħand il-fornitur Kencar Co. Ltd għall-prezz ta' Eur850.00 VAT inkluż;
b) Kwotazzjoni għal xiri ta' servizzi dwar upgrade għal *workstations* eżistenti tal-Kunsill minn Windows 7 għal WinPro 10 SNGL. Upgrd OLPNL / Microsoft 365 Business Standard (Outlook, Office, One Drive, Sharepoint, Microsoft Teams, Exchange) + support charge mingħand il-fornitur Smart Technologies għall-prezz ta' Eur2,230.81c VAT inkluż;
c) Kwotazzjoni għal qtugħ ta' ħaxix, debris u tindif minn materjali minn Triq Karmenu Vassallo sa Triq Anton Manoel Caruana mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur740.00 VAT inkluż;

Il-Kunsill approva *nem con*.

## 19 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

19.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

19.8.2 Applikazzjoni PA 03415/20 - Triq Mons. Pietru Pawl Saydon L-Iklin – 'Installation of chimney flue'.

## 19.9 APPROVAZZJONI TAL-AĠĠUSTAMENTI TAL-ISTQARRIJIET FINANZJARJI GĦAS-SENA 2019

19.9.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta mill-ġdid l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2019.

19.9.2 Wara li ġie moqri r-Rapport Finanzjarju u kien spjegat fid-dettal għall-interess tal-Kunsillieri preżenti, is-Sindku Dott. Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

19.9.3 Ma kienx hemm.

19.9.4 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji.

19.9.5 L-Istqarrijiet Finanzjarji ġew approvati *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 19.10 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

19.10.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kienet wieġbet għal numru ta' rakkomandazzjonijiet li ressaq il-Kunsill dwar titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku f'diversi żoni madwar l-Iklin.

19.10.2 Rigward it-talba li saret lill-Awtorità dwar Triq Stefano Erardi biex issir 'One Way Traffic System' l-Awtorità ma ssib l-ebda oġġezzjoni soġġetta għall-konsultazzjoni pubblika mar-residenti. L-approvazzjoni tkun valida għal perjodu bi prova ta' tliet xhur. F'każ li l-Kunsill iżomm ma' dan it-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku, il-Kunsill għandu jinnotifika lil *Traffic Management & Road Safety Department*. Imbagħad is-Sindku informa li mir-

reazzjonijiet li kien irċieva l-Uffiċċju tal-Kunsill, jidher li l-kummenti tar-residenti kienu varji.

Wara li ġew analizzati l-kummenti tar-residenti u saret diskussjoni wiesgħa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ta' din iż-żona, kien hemm qbil unanimu li terġa ssir rakkomandazzjoni lill-Awtorità kif jidher hawn taħt:

Triq Stefano Erardi bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin qed jiġi rrakkomandat li ssir One Way Traffic System 'l isfel minn Two Way Traffic System;

Wara konsultazzjoni pubblika mar-residenti, qed jiġi rrakomandat li Triq Stefano Erardi bejn Triq Giovanni Curmi u Triq Ċensu Bugeja issir One Way Traffic System u Triq Lewis F. Mizzi bejn Triq Ċensu Bugeja u Triq Giovanni Curmi tiġi One Way Traffic System 'l isfel.

19.10.3 Is-Sindku Dr. Sciberras informa li l-Awtorità ma ssib l-ebda oġġezzjoni biex issir Road Hump fi Triq il-Ħwawar bejn Triq il-Wied u Triq iż-Żebbuġa skont *specs* ipprovduti mill-istess Awtorità.

19.10.4 Fir-rigward ta' Triq il-Ħwawar fejn il-Kunsill kien ressaq rakkomandazzjoni lill-Awtorità biex issir One Way Traffic System, l-Awtorità ma ssib l-ebda oġġezzjoni soġġetta għall-konsultazzjoni wiesgħa mar-residenti taż-żona. L-approvazzjoni tkun valida għal perjodu bi prova ta' tliet xhur. F'każ li l-Kunsill iżomm ma' dan it-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku, il-Kunsill għandu jinnotifika lil *Traffic Management & Road Safety Department*.

Wara diskussjoni, kien deċiż li l-Kunsill jerġa jikkonsulta mal-Uffiċċjali tal-Awtorità u jirrelata lura l-eżitu tad-diskussjoni.

19.10.5 Fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku propost għal Triq Erin Serracino Inglott, l-Awtorità ma ssib l-ebda oġġezzjoni li tiġi mplimentata Give Way Sign fi Triq E.S. Inglott k/m Triq Anton Manoel Caruana.

Wara diskussjoni, kien deċiż li terġa ssir rakkomandazzjoni lill-Awtorità biex issir Give Way Sign fi Triq Erin Serracino Inglott k/m Triq Ġużè Pesci. *Nem con*.

19.10.6 Fl-aħħarnett, is-Sindku irrimarka dwar ilmenti varji minn madwar L-Iklin fejn sidien ta' garages qed ikollhom diffikultà biex jaċċessaw b'mod liberu minħabba parkeġġ li qed jitħalla fuq it-triq b'mod abbużiv.

Ikkonkluda li kien qed iħares lejn il-kunċett *enforcement through education* billi jintroduċi sinjali tat-traffiku b'avviżi li jattiraw lis-sewwieqa però l-infurzar tal-liġi b'mod konsistenti tibqa l-aqwa strument biex jinqatgħu l-abbużi.

18.15p.m. Il-Kunsillier Godwin Catania talab sabiex jiġi skużat mill-kumplament tas-seduta minħabba mpenji oħra ta' xogħol.

## 19.11 KWOTAZZJONIJIET GĦAL SERVIZZ TA' DATA PROTECTION OFFICER

19.11.1 Is-Sindku Dr. Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-kwotazzjonijiet għal servizz ta' Data Protection Officer għal perjodu ta' tnax-il xhar.

19.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kien talab għal tliet kwotazzjonijiet. Informa li kienu waslu żewġ kwotazzjonijiet sal-ġurnata tal-25 ta' Mejju u ppreżenta l-prezzijiet taż-żewġ offerenti.

19.11.3 Il-Kunsill mar fuq l-orħos kwotazzjoni a favur IURIS Malta Advocates għall-prezz ta' Eur3,000 VAT eskluż u approva *nem con*.

19.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jikkomunika din id-deċiżjoni lil IURIS Malta Advocates u lill-parteċipant li ssottomettew kwotazzjoni għal din is-sejħa. Ser jieħu ħsieb jikkomunika mal-Uffiċċju tal-Information and Data Protection Commissioner dwar it-tibdil fi Data Protection Officer.

## 19.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

19.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020 fil-5.30 pm.

19.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020 fil-5.30 pm.

19.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.35 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |